# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 15**

**Rik. Nru. 886/11JRM**

Paul u Mary Ann konjuġi **MICALLEF**

vs

Joseph **MICALLEF**, Dorianne Micallef, Joseph Micallef, u b'digriet tal-20 ta' Mejju, 2015, l-atti ġew trasfużi f'isem martu l-intimata Dorianne minħabba l-mewt tal-istess Joseph Micallef fil-mori tal-kawża; u b'digriet tat-3 ta' Frar, 2012 issejħu fil-kawża Anthony Scicluna, Ruben Azzopardi u Paul Falzon

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-9 ta' Settembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talbu li din il-Qorti (i) ssib li l-imħarrkin Micallef m'għandhom l-ebda titolu tajjeb fil-liġi u għaldaqstant lanqas jeddijiet legali dwar il-ħanut li jġib l-isem ta' "*The Cave*" jew "*D Cave*", fi Triq Sant'Antnin, f'Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, u għalhekk għandha żżomm lill-istess imħarrkin milli jimmolestawhom fit-tgawdija tal-imsemmi ħanut jew milli jidħlu fih; (ii) tordna lill-imħarrek Joseph Micallef (il-

missier) idawwar il-permess ("*trading licence*") tal-imsemmi ħanut imniżżel f'ismu mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu jew ma' kull awtorità oħra dwar il-ħanut għal fuq isimhom jew f'isem l-attur Paul Micallef; (iii) taħtar kuratur għall-kontumaċi biex ikun jista' jersaq biex jagħmel dawk l-atti kollha meħtieġa biex ikun jista' jsir l-imsemmi trasferiment tat-*trading licence* tal-ħanut għal fuq isimhom jew fuq isem l-attur Paul Micallef waħdu; (iv) issib lill-imħarrkin responsabbli għad-danni illi qed iġarrbu l-atturi; (v) tillikwida d-danni mġarrba minnhom minħabba l-imġiba tal-imħarrkin; u (vi) tordna lill-imħarrkin biex, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsuhom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Settembru, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-7 ta' Ottubru, 2011, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu illi l-atturi jridu jippruvaw it-titolu tagħhom u l-interess ġuridiku fil-ħanut; illi l-Qorti għandha tissoppresjedi sakemm tinqata' kawża oħra li kienet qiegħda tinstema' quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta; u illi għandhom jissejħu fil-kawża Anthony Scicluna, Reuben Azzopardi u Paul Falzon peress illi t-titolu tal-imħarrkin ġej minn negozju ta' avvjament tal-ħanut mill-imsemmijin Scicluna u Azzopardi għal fuq Falzon, imbagħad minn fuq l-imsemmi Falzon u għal fuqhom. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-atturi m'għandhom ebda jedd jitolbu t-trasferiment tal-liċenza għaliex kienet l-attriċi nnifisha li dawret il-liċenza tal-ħanut fuq isem Anthony Scicluna u Reuben Azzopardi u dawn ittrasferewha lill-imħarrkin. Iżidu jgħidu li ma hemm l-ebda raġuni tajba fil-liġi li torbothom iroddu lura n-negozju tal-ħanut lill-atturi jew lil xi ħaddieħor. Jiċħdu li huma b'xi mod immolestaw jew xekklu lill-atturi mit-tmexxija tal-ħanut billi kienet l-attriċi nnifisha li qablet bit-trasferiment tal-liċenza tal-ħanut, u dak li jridu l-atturi bl-azzjoni tagħhom ma huwa xejn iżjed minn bidla ta' ħsieb u li jreġġgħu lura negozju li sar sewwa. Ċaħdu illi qegħdin jokkupaw il-ħanut bla titolu tajjeb fil-liġi, u li wkoll jekk kellu jirriżulta illi l-imħarrkin m'għandhomx titolu tajjeb fil-liġi fuq il-ħanut, l-atturi m'għandhom ebda jedd jitolbu li tintradd lura l-liċenza jew lill-eċċipjenti jirrinunzjaw għall-frott u t-titjib li għamlu fil-ħanut u li ġej minn dan in-negozju, li huma mexxew b'bona fidi sakemm tħallew jagħmlu dan. Fl-aħħarnett, laqgħu billi qalu li ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati u, jekk jeżistu danni, l-imħarrkin ma jaħtux għalihom;

[1] Paġġ 3 – 4 tal-proċess

Rat il-provvediment tagħha tat-3 ta' Frar, 2012[2], li bih ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin biex twaqqaf is-smigħ ta' din il-kawża sakemm tinqata' l-kawża ta' spoll[3] li l-imħarrkin fetħu kontra Reuben Azzopardi u Anthony Scicluna; u li bih laqgħet limitatament it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet u ordnat is-sejħa fil-kawża ta' Reuben Azzopardi, Anthony Scicluna u Paul Falzon;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-13 ta' Marzu, 2012, mill-imsejjaħ fil-kawża Paul Falzon li biha ċaħad li hu l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għaliex f'kawża ta' spoll quddiem din il-Qorti diversament presjeduta[4], l-imħarrkin kienu ċedew kull pretensjoni kontra tiegħu wara dikjarazzjoni illi hu m'għandux interess fil-ħanut. Jgħid ukoll illi hu m'għandux aċċess għal ħanut;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-23 ta' Marzu, 2012, mill-imsejħin fil-kawża Reuben Azzopardi u Anthony Scicluna li biha huma wkoll ċaħdu li huma l-leġittimi kontradditturi tal-pretensjonijiet attriċi. Żiedu jgħidu li l-liċenza tal-ħanut ma kinitx aktar f'isimhom u li huma bl-ebda mod ma mmolestaw lill-atturi fit-tgawdija tal-ħanut, lanqas li żammew b'mod abbużiv il-liċenza tal-ħanut;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiemha mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq tal-avukat tal-atturi[5];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imsejjaħ fil-kawża Paul Falzon fit-2 ta' Ottubru, 2015[6] bi tweġiba għas-sottomissjonijiet li saru f'isem l-atturi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imsejħin fil-kawża Reuben Azzopardi u Anthony Scicluna fid-9 ta' Ottubru, 2015[7], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet li saru f'isem l-atturi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin Micallef fit-13 ta' Ottubru, 2015[8] bi tweġiba għas-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet l-oħrajn;

---

[2] Paġġ. 37 sa 43 tal-proċess
[3] Rik. Nru. 209/11JA
[4] Rik. Nru. 960/10JA
[5] Paġġ. 276 sa 283 tal-proċess
[6] Paġġ. 285 – 9 tal-proċess
[7] Paġġ. 292 sa 301 tal-proċess
[8] Paġġ. 303 – 318 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-atturi[9] u r-replika ulterjuri tal-kjamati fil-kawża waqt is-smigħ tas-17 ta' Novembru, 2015;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawżi 209/11JA u 1042/14LM;

Rat id-digrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni li l-imħarrkin ma għandhom l-ebda titolu li jiswa dwar ħanut, u biex l-istess imħarrkin ma jitħallewx aktar jidħlu fih u biex iroddu lura l-pussess tiegħu, flimkien mal-liċenzi tal-kummerċ maħruġa dwaru. Hija azzjoni wkoll għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin Micallef laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu illi l-atturi jridu jippruvaw it-titolu tagħhom u l-interess ġuridiku fil-ħanut; illi l-Qorti għandha tissoppresjedi sakemm tinqata' kawża oħra li kienet qiegħda tinstema' quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta; u illi għandhom jissejħu fil-kawża Anthony Scicluna, Reuben Azzopardi u Paul Falzon peress illi t-titolu tal-imħarrkin ġej minn negozju ta' avvjament tal-ħanut mill-imsemmijin Scicluna u Azzopardi għal fuq Falzon, imbagħad minn fuq l-imsemmi Falzon u għal fuqhom. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-atturi m'għandhom ebda jedd jitolbu t-trasferiment tal-liċenza għaliex kienet l-attriċi nnifisha li dawret il-liċenza tal-ħanut fuq isem Anthony Scicluna u Reuben Azzopardi u dawn ittrasferewha lill-imħarrkin. Iżidu jgħidu li ma hemm l-ebda raġuni tajba fil-liġi li torbothom iroddu lura n-negozju tal-ħanut lill-atturi jew lil xi ħaddieħor. Jiċħdu li huma b'xi mod immolestaw jew xekklu lill-atturi mit-tmexxija tal-ħanut billi kienet l-attriċi nnifisha li qablet bit-trasferiment tal-liċenza tal-ħanut, u dak li jridu l-atturi bl-azzjoni tagħhom ma huwa xejn iżjed minn bidla ta' ħsieb u li jreġġgħu lura negozju li sar sewwa. Ċaħdu illi qegħdin jokkupaw il-ħanut bla titolu tajjeb fil-liġi, u li, ukoll jekk kellu jirriżulta illi l-imħarrkin m'għandhomx titolu tajjeb fil-liġi fuq il-ħanut, l-atturi m'għandhom ebda jedd jitolbu li tintradd lura l-liċenza jew lill-eċċipjenti jirrinunzjaw għall-frott u t-titjib li għamlu fil-ħanut u li ġej minn dan in-negozju, li huma mexxew b'bona fidi sakemm tħallew jagħmlu dan. Fl-aħħarnett, laqgħu billi qalu li ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati u, jekk jeżistu danni, l-imħarrkin ma jaħtux għalihom;

[9] Paġġ. 323 – 335 u 336 – 342 tal-proċess

Illi bi provvediment li ngħata wara li tressaq dak l-att, din il-Qorti qatgħetha li ma twaqqafx is-smigħ tal-kawża u tissoprasjedi sakemm tinqata' l-kawża ta' spoll li l-imħarrkin fetħu kontra Reuben Azzopardi u Anthony Scicluna (it-tieni eċċezzjoni), imma laqgħet it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet safejn dawn talbu s-sejħa fil-kawża ta' Reuben Azzopardi, Anthony Scicluna u Paul Falzon;

Illi, wara li saret in-notifika tagħhom, l-imsejjaħ fil-kawża Paul Falzon laqa' biex jgħid jiċħad li hu l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għaliex f'kawża ta' spoll quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, l-imħarrkin kienu ċedew kull pretensjoni kontra tiegħu wara dikjarazzjoni tiegħu li hu ma kien għad għandu l-ebda interess fil-ħanut u li ma kien għad fadallu ebda aċċess għalih. Bl-istess mod, l-imsejħin fil-kawża Reuben Azzopardi u Anthony Scicluna laqgħu billi qalu li ma kinux il-leġittimi kontradittur tal-azzjoni attriċi u li l-liċenza tal-ħanut ma kinitx aktar f'isimhom u li huma bl-ebda mod ma mmolestaw lill-atturi fit-tgawdija tal-ħanut, lanqas li żammew b'mod abbużiv il-liċenza tal-ħanut;

Illi bħala fatti relevanti illi joħorġu mill-atti[10] jirriżulta illi l-atturi kisbu mingħand il-kumpannija J&T Company Limited l-appartament fi Triq Sant'Antnin, Buġibba (limiti ta' San Pawl il-Baħar) f'Awwissu tal-1991[11], u li maż-żmien bidluh f'ħanut li jġib l-isem ta' "*The Cave*" jew "*D Cave*";

Illi għal xi żmien, u fiż-żmien rilevanti għal din il-kawża, il-ħanut kien liċenzat bħala *2nd class Snack Bar* u, għall-bidu, il-liċenja kienet tgħajjat lill-attriċi Mary Anne Micallef. L-ewwel darba li ħarġet il-liċenza kien fl-1994[12]. Fit-30 ta' Awwissu, 2006[13], l-atturi daħlu f'att ta' konvenju li bih wiegħdu u ntrabtu li jbiegħu u jittrasferixxu lill-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna li, flimkien u solidalment bejniethom, intrabtu magħhom li jixtru u jiksbu mingħandhom, l-imsemmi ħanut mgħammar kif kien u l-liċenzi li kellu fuqu dak iż-żmien, u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija. Fost dawn il-kundizzjonijiet insibu li l-atturi aċċettaw li x-xerrejja setgħu jdaħħlu lil ħaddieħor minflokhom fuq il-kuntratt tal-bejgħ aħħari, u li kienu qegħdin jagħtu lix-xerrejja l-fakultà li jistgħu jibdew imexxu l-ħanut imwiegħed minnufih u qabel ma jkun sar l-imsemmi kuntratt. L-imsemmi konvenju kien debitament reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi;

Illi għalkemm il-konvenju jgħid li ż-żmien tiegħu kien ta' sena, il-kuntratt aħħari baqa' ma sarx, imma Azzopardi u Scicluna jgħidu li l-prezz maqbul – erbgħin elf Lira Maltin (Lm40,000) għall-post u għaxart elef Lira

[10] Fost dawn, il-Qorti qieset l-atti tal-kawża Rik. 1042/14LM
[11] Dok. "A" anness mal-affidavit tal-attur f'paġġ. 29 – 34 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Frank Farruġia f'paġ. 92 tal-proċess
[13] Dok "FF2", f'paġġ. 89 – 91 tal-proċess

Maltija (Lm10,000) għall-għamara – ħallsuh kollu lill-atturi[14], u l-atturi dan jistqarruh ukoll[15]. Il-konvenju ġġedded. L-attur jgħid illi l-konvenju ta' bejnu u l-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna qatt ma skada. Dan jikkonfermah ukoll l-istess Scicluna[16] u, mill-provi mressqa, jirriżulta illi l-konvenju ġġedded tliet darbiet[17]. Ma tressqet ebda prova illi bejn is-16 ta' Ottubru, 2012 u l-1 ta' Ottubru 2013 kien hemm tiġdid ieħor u lanqas ma ħareġ jekk reġax iġġedded wara l-15 ta' Diċembru, 2014;

Illi fis-16 ta' Jannar, 2007, l-attriċi dawret il-liċenza tal-ħanut favur Scicluna u Azzopardi. Ġara li, fid-29 ta' Settembru tal-2008, Azzopardi u Scicluna daħlu fi ftehim ta' ċessjoni ta' jeddijiet tagħhom taħt il-konvenju mal-imsejjaħ fil-kawża Falzon (li kien qiegħed jidher fuq isem il-kumpannija tiegħu Tlata Limited) għall-valur ta' elfejn u tliet mija u tletin ewro (€2,330) bi tpartit ma' xi ġid immobbli ("arjiet") li Tlata kellha f'Ħal Qormi, li Scicluna u Azzopardi ntrabtu li jiżviluppawhom skond ftehim ieħor li kien intlaħaq bejnhom dakinhar[18]. Dak il-ftehim kien jgħodd għal sena u kien trasferibbli lil terzi. Kien ukoll reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi[19]. Fiż-żmien li fih dan il-konvenju ta' bejniethom kien għadu fis-seħħ, Scicluna u Azzopardi għaddew iċ-ċwievet tal-ħanut lil Falzon;

Illi Falzon għamel żmien joperah hu l-ħanut. Ġara, iżda, li l-ftehim bejn Azzopardi u Scicluna u Falzon sfratta. Imma, qabel ma laħaq ġara hekk, fit-12 ta' Jannar, 2010, Falzon (Tlata) kien ċeda favur l-imħarrek Joseph Micallef (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-missier") il-jeddijiet li kienu ċedewlu Azzopardi u Scicluna, taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm maqbula u dan billi l-prezz taċ-ċessjoni kellu jitħallas bi trasferiment ta' karozzi għall-valur li jaqbeż il-mitejn u disgħin elf ewro (€290,000) fi flus tal-lum[20]. Dan il-ftehim inkiteb mill-imħarrka Dorianne Micallef f'isem żewġha (il-missier) wkoll, u ffirmat minnha u minn Falzon. Il-ftehim qatt ma kien reġistrat mal-Kummissarju[21], u l-partijiet ma resqu qatt quddiem xi nutar pubbliku biex jirreġistrawh jew jifformalizzawh[22]. L-imħarrkin qatt ma nedew xi proċeduri biex jeżegwixxu dak il-ftehim[23]. L-imħarrka tgħid illi hija nnegozjat l-avvjament tal-ħanut u dan kellu jkun għal żmien indefinit[24]. Il-qligħ li daħħlet mit-tmexxija tal-ħanut żammitu għaliha[25]. Min-naħa l-oħra, l-imsejjaħ fil-kawża Falzon jgħid illi l-ftehim kien biss il-qafas ta' proposti li eventwalment

---

[14] Dikjarazzjoni tan-Nutar Bertu Micallef Dok. "FF2" f'paġ. 87 tal-proċess
[15] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami, f'paġ. 148 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Anthony Scicluna f'paġ. 138 tal-proċess
[17] Ara dokti. "FF2", "L" u "CI: 1901(1) u (2)" f'paġġ. 87, 127 u 188 – 9 tal-proċess
[18] Dok. "K" f'paġ. 124 tal-proċess
[19] Dok f'paġ. 125 tal-proċess
[20] Dok. "A" mehmuż mal-affidavit tal-imħarrka Dorianne Micallef f'paġ. 106 tal-proċess
[21] Kontro-eżami tal-imħarrka Dorianne Micallef f'paġ. 214 tal-proċess
[22] *Ibid* paġġ. 239 – 240 tal-proċess
[23] *Ibid* pġ. 213 tal-proċess
[24] *Ibid* pġ. 229 tal-proċess
[25] Paġ. 234 tal-proċess

kellu jifforma ftehim formali li jsir quddiem nutar. Fuq il-qliegħ li kien qed jiġi ġġenerat mill-ħanut, Falzon jgħid illi huwa ma ftiehem xejn mal-imħarrkin u ma messu xejn minnu[26];

Illi fil-21 ta' Jannar, 2010, Scicluna u Azzopardi dawru l-liċenża tal-ħanut għal fuq l-iben[27], bil-patt illi jekk in-negozju li kellhom ma' Falzon ma jirnexxix, il-liċenza terġa' ddur fuq ismu[28]. L-iben beda jmexxi l-ħanut, imma ma damx wisq għaliex, wara l-mewt ħesrem ta' ħabib tiegħu, jgħid li għamel f'qalbu u tilef il-ħajra li jkompli jmexxi l-ħanut;

Illi bejn Awwissu u Settembru tal-2010, inqalgħu kwistjonijiet dwar l-aċċess għall-ħanut, bl-imħarrkin isibu li, kull darba li jippruvaw jidħlu fih, is-serratura tkun inbidlet. Kemm hu hekk, f'dak iż-żmien, huma fetħu kawża ta' spoll[29] kontra Falzon, wara li, fil-15 ta' Settembru, 2010[30], Falzon kien bagħat ittra uffiċjali lill-missier biex jitolbu jmur jieħu lura l-karozzi li kien ħallielu wara biebu bħala parti mill-ftehim li kien sar bejniethom f'Jannar ta' qabel. Jirriżulta illi l-imsejjaħ fil-kawża Azzopardi, fuq struzzjonijiet ta' Falzon, biddel is-serratura tal-ħanut meta dan kien għadu qed jitmexxa mill-imħarrkin Micallef[31]. Aktar 'il quddiem, fi Frar tal-2011, l-imħarrkin ċedew il-kawża wara dikjarazzjoni miktuba li għamel Falzon[32];

Illi, min-naħa tiegħu, b'ittra uffiċjali tal-31 ta' Ottubru, Falzon bagħat jitlob lil Azzopardi u Scicluna jiġbru mingħandu ċ-ċwievet tal-ħanut, qabel ma jgħaddi u jpoġġihom b'ċedola taħt l-awtorità tal-Qorti. Sadattant, il-konvenju ta' bejn Scicluna u Azzopardi ma' Falzon għalaq, qatt ma ġġedded u għaldaqstant waqa'[33]. Falzon għadda kopja miż-żewġt iċwievet li kellu tal-ħanut lil Azzopardi, iżda żamm kopja oħra għalih għalkemm la lil Scicluna u lanqas lil Azzopardi ma għarrafhom b'din il-ħaġa, u wisq anqas fissrilhom għaliex kien qatagħha li jagħmel hekk[34];

Illi, fuq żball amministrattiv u wara li lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Awtorità") waslilha affidavit magħmul minn Scicluna fl-1 ta' Frar, 2011[35], fit-3 ta' Frar, 2011, il-liċenza tal-ħanut reġgħet daret minn fuq l-iben favur Azzopardi u Scicluna[36]. L-għada, l-

---

[26] Kontro-eżami ta' Paul Falżon f'paġġ. 251 – 2 tal-proċess
[27] Dokti. "Ċ" sa "Ċ7", f'paġġ. 18 sa 25 tal-proċess
[28] Xhieda ta' Anthony Scicluna f'paġ. 140 tal-proċess. Ara wkoll kontro-eżami ta' Paul Falzon f'paġ. 251 tal-proċess
[29] Rik. Nru. 960/10JA (ċedut fid-9.2.2011)
[30] Dok "PFX", f'paġ. 225 tal-proċess
[31] Affidavit tal-imħarrka Dorianne Micallef f'pġ. 103 tal-proċess
[32] Dok. "H" f'paġ. 128 tal-proċess
[33] Xhieda ta' Anthony Scicluna f'paġ. 142 tal-proċess u affidavit tiegħu stess f'paġ. 209 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Paul Falzon f'paġ. 194 tal-proċess
[34] Ara xhieda ta' Anthony Scicluna f'pġ. 143 tal-proċess, kif ukoll ta' Paul Falzon f'paġ. 195 tal-proċess
[35] Ara Dok "FF1", f'paġ. 86 tal-proċess
[36] Xhieda ta' Frank Farruġia f'isem l-MTA f'paġ. 93 tal-proċess

imħarrkin għamlu rapport fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra, kontra Azzopardi u Scicluna talli dawn kienu bidlu s-serratura tal-bieb tal-ħanut[37];

Illi fid-9 ta' Frar, 2011, saret kitba bejn Azzopardi u Scicluna min-naħa u Falzon (Tlata) min-naħa l-oħra li, bis-saħħa tagħha, dan ħallas lil dawk €2500 għad-danni li kienu saru fil-ħanut sakemm dam jitmexxa minn terzi (l-iben) u fejn iddikjaraw li ma kien għad fadlilhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin;

Illi fil-21 ta' Frar, 2011, għal darb'oħra l-liċenza daret mill-ġdid fuq l-iben. Fit-3 ta' Frar, 2011, l-imħarrkin fetħu kawża ta' spoll[38] kontra Azzopardi u Scicluna. Fit-18 ta' April, 2011, l-Awtorità spezzjonat il-ħanut u sabet li ma kienx miżmum f'qagħda li jinfetaħ għall-pubbliku u fejn għarfet lill-imħarrkin li ma setgħux jerġgħu jiftħuh qabel ma ssir spezzjoni oħra u tingħatalhom approvazzjoni għall-ftuħ. Ġara li, għalkemm l-Awtorità ttantat terġa' tispezzjona l-ħanut, ma sabet lil ħadd biex jiftħilha u, fit-18 ta' Mejju, 2011, il-liċenza ġiet sospiża mill-Awtorità u għadha hekk sal-lum[39];

Illi l-atturi u l-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna ma resqux għall-kuntratt aħħari ta' bejgħ tal-ħanut minħabba li l-ħanut kien okkupat mill-imħarrkin Micallef li, minbarra dan, kellhom ukoll il-liċenza tal-ħanut fuq isimhom. Ħareġ ukoll li l-imsejħin fil-kawża Scicluna u Azzopardi għarrfu lill-attur illi Falzon kellu diżgwid mal-imħarrkin Micallef[40]. Dan kollu wassal lill-atturi biex jiftħu din il-kawża[41];

Illi fid-9 ta' Settembru, 2011, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel <u>il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ</u>, iżda qabel xejn sejra tagħmel xi osservazzjonjiet fuq konsiderazzjonijiet illi spikkaw aktar minn oħrajn waqt is-smigħ ta' din il-kawża;

Illi l-ewwel osservazzjoni hija dik tal-**interessi diversi** illi kull parti fil-kawża wriet li għandha fil-ħanut mertu ta' din il-kwestjoni. L-interess tal-atturi huwa dak li jakkwistaw lura ħwejjiġhom sabiex ikunu fil-qagħda illi jersqu fuq kuntratt aħħari ta' xiri-u-bejgħ mal-imsejħin fil-kawża Scicluna u Azzopardi, u jgħaddulhom it-titolu tal-proprjetà illi l-imsejħin diġà ħallsu għaliha, u għaldaqstant ma jibqgħux soġġetti għal proċeduri legali li jistgħu jinfetħu kontra tagħhom. Il-fatt illi Scicluna u Azzopardi ħarġu flushom u ma

[37] Dok "B", f'paġġ. 15 – 7 tal-proċess
[38] 209/11JA (maqtugħa mill-P.A. fit-23.10.2013 u konfermata fl-Appell fil-31.10.2014, favur l-imħarrkin Micallef)
[39] Ara Dok. "CGB" f'paġġ. 161 – 2 tal-proċess flimkien max-xhieda ta' Charles Grech f'paġ. 182 – 5 tal-proċess
[40] Kontro-eżami tal-attur f'paġ. 152 tal-proċess
[41] Kontro-eżami tal-attur Paul Micallef f'paġ. 154 tal-proċess

daħħlu xejn tagħhom ipoġġihom fil-qagħda illi huma wkoll għandhom ikunu daqstant interessati illi jaraw li l-ħanut jerġa' jiġi lura għand l-atturi, bħala l-bejjiegħa tagħhom. Din il-fehma l-Qorti waslet għaliha wkoll meta qieset li l-konvenju li l-imsejħin fil-kawża daħlu fih mal-atturi fl-2006 baqa' jiġġedded minn darba għal oħra u ma tħalliex jiskadi. Għal kuntrarju, l-imsejjaħ fil-kawża Falzon stqarr fi proċeduri oħrajn[42] quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta, illi huwa ma kien għad għandu ebda interess fil-ħanut jew f'dak li kien jinsab fih, aktar u aktar meta n-negozju illi kellu mal-imsejħin fil-kawża Scicluna u Azzopardi sfaxxa fix-xejn. Iżda għalkemm dan huwa minnu, l-imħarrkin Micallef xorta jibqgħu jgħidu illi huma ma jintlaqtux minn dan il-fatt, u jisħqu illi l-ftehim li daħlu fih ma' Falzon għadu tajjeb u fis-seħħ. Wieħed jifhem li jkollhom jiggranfaw ma' dan l-argument għaliex, wara kollox, kien bis-saħħa tiegħu li huma ħadu pussess tal-ħanut u li ma jridux jitilquh minn idejhom. Lill-Qorti jirriżultalha[43] li kien biss f'Ġunju tal-2021 li l-imħarrka qiegħdet iċ-ċwievet tal-ħanut b'ċedola taħt l-awtorità tal-Qorti u li dawn inġabru mill-atturi u l-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna;

Illi, fit-tieni lok, il-Qorti tosserva illi s-sensiela ta' ftehim li saru ma kinux imfissrin b'mod ċar biżżejjed tant li, sal-aħħar fażijiet ta' din il-kawża, baqgħu jingħataw tifsiriet għal kollox differenti saħansitra dwar in-natura tagħhom. Dan in-nuqqas ta' kjarezza m'hemmx dubju li wassal biex ħoloq ambigwità f'moħħ il-partijiet dwar il-kontenut tagħhom. Hekk, per eżempju, fil-ftehim tat-30 ta' Awwissu, 2006, l-atturi u l-imsejħin fil-kawża Scicluna u Azzopardi qablu fil-konvenju li l-jeddijiet imwegħdin li dawn setgħu jkunu trasferiti lil terzi taħt l-istess kondizzjonijiet. Minbarra dan, l-atturi taw il-kunsens tagħhom biex Scicluna u Azzopardi setgħu saħansitra jibdew iħaddmu l-ħanut, waqt li kienu għadhom fl-istadju ta' konvenju, kemm huma personalment jew billi jqabbdu terzi, u kull qligħ li jsir minn dik it-tmexxija jmur għand il-kompraturi mwiegħda. Waqt iż-żmien li kienet qiegħda tinstema' l-kawża, deher ċar li din l-aħħar klawżola ma kinitx ċara f'moħħ il-partijiet għaliex, filwaqt illi l-imsejjaħ fil-kawża Scicluna jgħid illi huwa daħal fuq il-konvenju mal-atturi bil-ħsieb illi jinnegozja l-ħanut bil-ħsieb li jsibu xerrej[44], u għaldaqstant meta sab il-bejgħ tiegħu ma ra xejn ħażin illi jħalli lix-xerrej prospettiv (l-imsejjaħ fil-kawża Falzon) milli jħaddem il-ħanut hu tul iż-żmien li kien fuq konvenju miegħu u l-qliegħ imur għandu, min-naħa l-oħra, l-atturi jgħidu illi għalkemm ma sabux oġġezzjoni illi x-xerrejja mwiegħda joperaw il-ħanut anke qabel ma jersqu fuq il-kuntratt aħħari, huma riedu illi dawn iżommu kontroll fuq l-istabbiliment billi daħħlu l-kundizzjoni illi t-tmexxija tal-ħanut, ukoll jekk issir minn terzi u l-qligħ jibqa' f'idejn l-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna, jibqa' kollox taħt il-kontroll ta' dawn, u mhux jerħu minn idejhom.

[42] Rik. Nru. 960/10JA
[43] Atti tal-kawża 1042/14LM
[44] Affidavit tiegħu f'paġ. 209 tal-proċess

Dan iqiegħed fid-dubju l-ftehim li ntlaħaq bejn Scicluna u Azzopardi ma' Falzon (Tlata Operations Limited), u dak bejn Falzon u l-imħarrkin;

Illi, min-naħa l-oħra, fil-ftehim li ntlaħaq bejn l-imħarrkin u l-imsejjaħ fil-kawża Falzon, toħroġ diffikultà oħra: filwaqt illi l-imħarrka Dorianne Micallef ħażżet ftehim bil-ħsieb li tagħlaq bla dewmien negozju li kien intlaħaq bejnha u Falzon, dan għamlitu fil-għama u mingħajr ma qieset il-konsegwenzi legali marbutin miegħu, aktar u aktar meta dan il-ftehim qatt ma ġie ratifikat quddiem nutar. Dan wassal ukoll biex ħoloq diffikultà dwar it-tifsira tan-natura tiegħu. L-imsejjaħ fil-kawża Falzon (u ma' dan jaqblu wkoll l-atturi u l-imsejħin fil-kawża l-oħrajn) iqis li l-ftehim kien wegħda ta' bejgħ ta' immobbli u għaldaqstant dik il-kitba kellha titqies bħala konvenju bir-regoli kollha marbuta miegħu. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin iqisu li dak il-ftehim kien wieħed biss ta' bejgħ ta' avvjament, f'liema każ japplikaw għalih regoli differenti bla ħtieġa ta' reġistrazzjoni;

Illi, fit-tielet lok, il-Qorti tosserva l-mod leġġer kif sar it-trasferiment tal-pussess tal-ħanut bejn l-imsejjaħ fil-kawża Falzon u l-imħarrkin Micallef, u dak tal-liċenza tal-ħanut bejn l-imsejjaħ fil-kawża Azzopardi u l-istess imħarrkin. Dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi l-ftehim bejn Azzopardi u Scicluna kien mal-kumpannija Tlata Operations Limited, filwaqt illi n-negozju illi sar mal-imħarrkin kien mid-direttur tagħha Falzon f'ismu proprju. Min-naħa l-oħra, Azzopardi għadda l-liċenza tal-ħanut lill-iben mingħajr ma qies jekk Falzon kienx awtorizzat illi jidħol fi ftehim magħhom;

Illi dawn it-tliet osservazzjonijiet għandhom impatt kbir fuq it-talbiet attriċi, li ser jitqiesu fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin u mill-imsejħin fil-kawża;

Illi l-Qorti tibda biex tistħarreġ l-**ewwel eċċezzjoni** mressqa mill-imħarrkin Micallef li titkellem fuq it-titolu tal-atturi fuq il-post u l-interess ġuridiku li l-attur għandu fir-rigward tal-ħanut;

Illi fl-ewwel premessa tar-Rikors Maħluf, l-atturi jgħidu illi huma s-sidien tal-ħanut "*The Cave*" jew "*D Cave*" fi Triq Sant'Antnin, Buġibba. Huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[45] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni

[45] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***

tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[46]. Huwa minħabba f'hekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[47] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[48];

Illi mill-provi mressqa mill-atturi jirriżulta illi l-attur fit-13 ta' Awissu, 1991 daħal fuq kuntratt ta' xiri-u-bejgħ b'self li bih huwa akkwista appartament bin-numru tnejn (2), li jagħmel minn blokka bin-numru 65, Triq Sant'Antnin, Buġibba[49]. Fuq l-att tal-konvenju ta' Awwissu tal-2006 tal-ħanut "*The Cave*" jew "*D Cave*" fi Triq Sant'Antnin, Buġibba, bejn l-attur u l-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna, in-nutar Micallef jiddikjara illi l-ħanut mertu ta' dak il-ftehim qabel kien appartament flat u jagħti l-istess deskrizzjoni msemmija fil-kuntratt ta' self-xiri-u-bejgħ tas-sena 1991[50];

Illi l-imħarrkin ma reġgħux qajmu xi kwistjoni jew b'xi mod merew li dak il-kuntratt ma kienx jitkellem dwar il-ħanut mertu ta' din il-kawża. Fuq is-saħħa ta' hekk, il-Qorti tasal għall-fehma illi l-attur huwa s-sid il-ħanut mertu tal-każ li fiż-żmien li nfetħet il-kawża kien jinsab fil-pussess tal-imħarrkin Micallef. Din il-ħaġa ssejjes l-interess ġuridiku tal-atturi li jitolbu d-dikjarazzjoni li l-imħarrkin ma għandhom l-ebda titolu għall-post u biex joħorġu minnu u jrodduhulhom lura;

Illi għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni mhix mistħoqqa u mhix ser tintlaqa';

Illi l-Qorti jmissha issa tistħarreġ l-**ewwel eċċezzjoni mressqa mill-imsejħin fil-kawża**, dwar jekk għandhomx jitqiesu bħala l-leġittimi kontradittturi tal-azzjoni attriċi;

Illi l-imsejjaħ fil-kawża Falzon jgħid illi huwa m'għandu ebda pretensjoni fuq il-fond mertu ta' dan il-każ jew fuq l-għamara li hemm ġo fih, u dan iddikjarah espressament fi proċeduri oħrajn miġjuba kontrih mill-imħarrkin Micallef, saħansitra żmien qabel ma nfetħet din il-kawża, u li minħabba f'dik id-dikjarazzjoni, dawk il-proċeduri kienu ċeduti fil-konfront tiegħu. Raġuni oħra, u li l-Qorti se terġa' ssemmiha aktar 'il quddiem, hi li meta Falzon daħal l-ewwel darba fl-istorja b'rabta mal-ġrajjiet dwar dan il-ħanut, kien deher f'isem il-kumpannija tiegħu u mhux f'ismu personalment. Mela, safejn Falzon issejjaħ

[46] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[47] Art. 562 tal-Kap 12
[48] Art. 559 tal-Kap 12
[49] Dok. "A" mehmuż mal-affidavit tal-attur f'paġġ. 29 – 34 tal-proċess
[50] Ara att ta' konvenju bejn l-atturi u Reuben Azzopardi u Anthony Scicluna tat-30 ta' Awwissu, 2006, f'paġġ. 89 – 91 tal-proċess

f'din il-kawża f'ismu proprju, ma kellu qatt il-leġittimazzjoni passiva fir-rigward tal-pretensjonijiet attriċi;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna jgħidu illi t-talbiet m'humiex diretti lejhom, u huma m'għandhomx x'iwieġbu. Il-qofol ta' din l-eċċezzjoni hija illi ladarba l-imsejjaħ Falzon ma qiegħed javvanta l-ebda titolu fuq il-ħanut, għalhekk lanqas huma ma jisfidaw it-titolu tal-atturi. L-istess jista' jingħad fir-rigward tal-liċenza għaliex din baqgħet issejjaħ lill-iben (sa ma waqgħet ukoll fil-mori tal-kawża) u għaldaqstant l-imsejħin fil-kawża m'għandhom xejn x'iroddu lura lill-atturi lanqas f'dan ir-rigward. Il-Qorti tara li l-imsejħin fil-kawża aktar jista' jkollhom leġittimazzjoni attiva biex jintlaħaq l-għan tal-atturi: imma ladarba huma ssejħu fil-kawża, u billi s-sejħa fil-kawża tissarraf dejjem bħala parti mħarrka, jistgħu jitqiesu biss mill-aspett tal-leġittimazzjoni passiva tagħhom;

Illi, madankollu, fost it-talbiet imressqa mill-atturi hemm dawk li jiddependu mill-għemil taż-żewġ imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna. Il-Qorti fliet sewwa l-provi mressqa quddiemha, u jirriżultalha b'mod ċar illi Azzopardi u Scicluna kellhom sehem kbir f'din il-kwistjoni, u mhux lakemm jaħslu idejhom għal kollox minnha. Dan qiegħed jingħad biss safejn jirrigwarda l-*locus standi* tagħhom f'din il-kawża, u mhux bħala determinazzjoni ta' xi ħtija jew rabta li l-Qorti għad trid tistħarreġ aktar 'il quddiem;

Illi, għaldaqstant, filwaqt illi huwa minnu li huma l-imħarrkin Micallef illi kienu jipposjedu l-ħanut u li f'isimhom kien hemm il-liċenza, xorta tqis illi l-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna għandhom jitqiesu bħala l-kontraditturi leġittimi tal-pretensjonijiet attriċi;

Illi għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma illi safejn l-eċċezzjoni tqajmet mill-imsejjaħ fil-kawża Falzon, din hija tajba u se tintlaqa' billi jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju; imma safejn tirrigwarda lill-imsejħin fil-kawża l-oħrajn Azzopardi u Scicluna, mhix tajba u mhix se tintlaqa';

Illi l-Qorti jmissha issa tistħarreġ l-**ewwel talba attriċi** dwar jekk l-imħarrkin għandhomx xi jedd fuq il-ħanut. L-imħarrkin jgħidu illi huma kisbu l-jedd fuq il-ħanut mingħand l-imsejjaħ fil-kawża Falzon. Biex l-imħarrkin jistgħu jiddefendu dak il-jedd kien jeħtiġilhom juru li huma kisbu titolu tajjeb u li, wara li kisbuh, seħħilhom iżommuh. Il-Qorti tinnota li l-imħarrek missier xehed quddiemha li kulma kellu mill-post kien il-liċenza biss u li lill-attur qatt ma rah b'għajnejh[51];

---

[51] Paġġ. 65 u 66 tal-proċess

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi l-pretensjoni tal-imħarrkin tintrabat mal-ftehim li sar bejnhom u l-imsejjaħ fil-kawża Falzon. Ma wrew l-ebda titolu tajjeb ieħor fuq il-ħanut li tnissel qabel dak miksub mill-atturi jew imqar wara. Il-ftehim li sar bejn l-imħarrkin u Falzon kien, min-naħa tiegħu, jiddependi mill-ftehim li dan kien laħaq mal-imsejħin fil-kawża l-oħrajn f'Settembru tal-2008. Jekk wieħed jibda minn dan tal-aħħar, mill-ewwel imissu jirriżulta li, fuq il-ftehim Falzon ma deherx f'ismu, imma f'isem il-kumpannija Tlata Operations Limited[52]. Għall-kuntrarju, jirriżulta illi meta Falzon daħal fi ftehim mal-imħarrkin Micallef f'Jannar tal-2010, deher f'ismu (il-kumpannija ma tissemma mkien) u bla ma b'xi mod issemma jew ingħad li l-jeddijiet li kien qiegħed jgħaddi lill-imħarrkin kienu mnissla mill-ftehim li kien sar bejnu u l-imsejħin fil-kawża l-oħrajn xi sena u tliet xhur qabel[53];

Illi, minħabba l-fatt li l-ftehim li kien sar bejn l-imħarrkin u Falzon ma kienx reġistrat u ma kienx eżegwit mill-imħarrkin, jiġi li jekk tabilħaqq l-imħarrkin setgħu jiftaħru b'xi titolu fuq il-ħanut bis-saħħa tal-fehim imsemmi, dan intemm ukoll u ġie fix-xejn. L-imħarrkin kellhom għarfien ta' dan meta, waqt il-kawża ta' spoll li fetħu kontra Falzon, dan għamel dikjarazzjoni inekwivoka li mill-ħanut u dak li hemm fih ma kienx għad fadallu l-ebda interess. Ta' min ifakkar li dik id-dikjarazzjoni kienet saret qabel ma nfetħet din il-kawża u kienet wasslet sabiex l-imħarrkin ċedew il-kawża tagħhom. Minn dak il-waqt 'il quddiem, kull pussess li l-imħarrkin seta' kellhom fuq il-ħanut sar wieħed prekarju[54], u li l-pussess waħdu tal-liċenza ma kienx jissarraf f'pussess leġittimu tal-ħanut[55]. Hekk kif falla n-negozju bejn l-imħarrkin u Falzon, il-partijiet riedu jerġgħu jitqiegħdu fil-pożizzjoni li kienu minnufih qabel daħlu għall-ftehim – u l-imħarrkin messhom raddew lura ċ-ċwievet u dawru l-liċenza fuq l-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna;

Illi fin-nuqqas ta' prova għal dak li ntqal, il-Qorti tasal għall-fehma illi l-ftehim li daħal fih l-imsejjaħ fil-kawża Falzon mal-imħarrkin Micallef ma kien jagħtihom ebda titolu legali tajjeb fuq il-ħanut;

Illi għaldaqstant l-ewwel talba attriċi hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi bit-**tieni talba** l-atturi jridu li l-imħarrkin, jew min minnhom, idawru fuq isem l-atturi jew min minnhom it-*trading licence* tal-ħanut. Meta sar il-ftehim ewlieni f'Awwissu tal-2006, l-atturi kienu għaddew il-liċenza tal-ħanut imwiegħed lill-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna. Dan sar kemm għaliex ix-xerrejja mwiegħda kienu ħallsu lill-atturi l-prezz kollu miftiehem tal-bejgħ, u kif ukoll għaliex fil-konvenju kien sar patt li l-pussess tal-ħanut kien se

[52] Dok f'paġ. 124 tal-proċess
[53] Dok. "A" f'pag. 106 tal-proċess
[54] Ara App. Ċiv. **18.1.2024** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Micallef et vs Ruben Azzopardi et*** §39
[55] *Ibid.* § 40

jgħaddi għand ix-xerrejja mwiegħda biex imexxu l-ħanut ukoll qabel ma jkun sar il-kuntratt aħħari;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jilqgħu billi jgħidu illi l-atturi m'għandhom ebda jedd jitolbu t-trasferiment tal-liċenza favur tagħhom għaliex din ġiet trasferita lilhom mill-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna. Min-naħa l-oħra, Azzopardi u Scicluna jgħidu illi l-liċenza tal-ħanut mhix fuq isimhom iżda fuq isem l-iben;

Illi mill-provi jirriżulta illi l-ħanut kien liċenzat bħala *2nd class Snack Bar*. Il-liċenza tal-ħanut kienet issejjaħ lill-attriċi Mary Anne Micallef, li fis-16 ta' Jannar, 2007, dawritha fuq l-imsejħin fil-kawża Scicluna u Azzopardi, bis-saħħa ta' dak li kien inftiehem bejniethom fuq il-konvenju. Fil-21 ta' Jannar, 2010 l-imsemmija msejħin fil-kawża dawru l-permess fuq l-iben. Għalkemm, għal xi żmien qasir, il-liċenza tneħħiet minn fuq l-iben, jidher illi reġgħet daret fuqu u hekk baqgħet minkejja li huwa xehed li ddejjaq ikompli jmexxi l-ħanut u ma kompliex aktar. Mill-atti tal-kawża ħareġ ukoll li l-liċenza ġiet sospiża u li hemm proċedura partikolari li wieħed irid juża biex issa jerġa' jġibha fis-seħħ, kif fisser tajjeb ir-rappreżentant tal-Awtorità meta xehed li l-liċenza toħroġ f'isem persuna iżda hija marbuta mal-fond minn fejn ikun qiegħed jitmexxa n-negozju[56];

Illi għalkemm l-atturi telqu minn idejhom il-liċenza favur l-imsejħin fil-kawża Scicluna u Azzopardi, fid-dawl tal-fehmiet li waslet għalihom aktar qabel dwar l-ewwel talba attriċi, u kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi liċenza ta' ħanut hija marbuta ma' fond, din il-Qorti ssib li r-raba' u t-tmien eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin Micallef ma jistgħux jintlaqgħu u b'hekk issib li t-tieni talba attriċi hija tajba. Naturalment, ladarba llum il-ġurnata l-liċenza hija sospiża, din it-talba trid tintlaqa' biss safejn, biex terġa' tieħu l-ħajja, se jkun meħtieġ is-sehem tal-imħarrkin jew ta' min minnhom;

Illi t-**tielet talba** hija l-effett tal-ilqugħ ta' dik ta' qabilha u hija konsegwenza tagħha. Fil-limiti li għadhom kemm tfissru, it-tielet talba attriċi ser tintlaqa' wkoll;

Illi fl-aħħarnett il-Qorti jmissha **t-talbiet attriċi marbuta mal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni** li l-atturi jgħidu illi ġarrbu b'riżultat taż-żamma tal-ħanut min-naħa tal-imħarrkin;

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu

[56] Xhieda ta' Frank Farruġia f'paġ. 94 tal-proċess

jipprova kemm l-att jew l-ommissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabilità ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni[57];

Illi fil-każ tal-lum, l-atturi jorbtu l-pretensjoni tagħhom dwar id-danni mal-fatt illi, f'każ illi l-ewwel talba attriċi ma kellhiex tintlaqa', hemm il-possibilità illi l-imsejħin fil-kawża jduru kontrihom b'talba għar-rexxissjoni tal-konvenju;

Illi jibda biex jingħad li l-atturi ma ressqu ebda ħjiel ta' prova ta' xi danni mġarrba minnhom. Għall-kuntrarju, waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tal-każ u fuq stedina mill-Qorti, l-għaref difensur tal-atturi lejalment stqarr[58], li sa dakinhar ma kienu ġġarrbu l-ebda danni u li dawn it-talbiet saru l-aktar bħala lqugħ jew kontinġenza fil-każ li xi talbiet li għamlu f'din il-kawża ma kellhomx jintlaqgħu;

Illi l-Qorti tqis li dan ir-raġunament huwa x'aktarx kontradittorju, għaliex f'każ li l-Qorti kellha tiċħad l-ewwel żewġ talbiet, ma kien ikun hemm l-ebda mod kif setgħet tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tad-danni. F'kull każ, hareġ ċar li matul iż-żmien kollu li ilha miexja l-kawża, l-atturi kienu tħallsu l-prezz kollu tal-ġid immobbli mwiegħed minnhom lill-imsejħin fil-kawża Azzopardi u Scicluna u din is-somma kienet għandhom dejjem u għad-dispożizzjoni tagħhom. Fit-tieni lok, mill-atti ħareġ li l-imsejħin fil-kawża kienu għadhom fi ħsiebhom li jinfurzaw dak li kien maqbul bejnhom u l-atturi fuql-att tal-konvenju ta' Awwissu tal-2006, u għalhekk il-biżgħa tal-atturi li dawn (l-imsejħin fil-kawża) se jitolbu r-rexxissjoni tal-konvenju u r-radd lura tas-somma mħallsa minnhom tisfa fix-xejn. Fit-tielet lok, għaliex ħareġ ukoll li, sa qabel illum, kemm l-atturi u kif ukoll l-imsejħin fil-kawża reġgħu ħadu pussess tal-post wara li rtiraw iċ-ċwievet minn taħt l-awtorità tal-Qorti;

Illi, fid-dawl ta' dan, il-Qorti mhix sejra tilqa' r-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi billi m'humiex ippruvati u mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tieħu iżjed konjizzjoni tat-tieni u tielet eċċezzjonijiet tal-imħarrkin** billi ngħata l-provvediment dwarhom fit-3 ta' Frar, 2012;

[57] App. Ċiv. Inf. PS **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Giovanni Vella vs Michael Cilia***
[58] Paġna 283 tal-proċess

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża Paul Falzon** billi jirriżulta li hija mistħoqqa u qiegħda b'hekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għal min sejjaħlu fil-kawża;

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-imsejħa fil-kawża Reuben Azzopardi u Anthony Scicluna** bħala mhix mistħoqqa;

**Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attriċi** billi huma mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt għaliex l-imħarrkin ma għandhom l-ebda titolu tajjeb fuq il-ħanut mertu tal-każ u lanqas li jżommu aktar fuq isimhom il-liċenzi ("*trading licences*") li jistgħu jinħarġu fuq l-imsemmi ħanut: għall-għanijiet tat-tielet talba, il-Qorti qiegħda taħtar lill-Avukat Christopher Chircop biex jidher bħala kuratur għal dawk li jonqsu li jidhru fil-każ li jkun meħtieġ meta jsiru pratiki mal-awtoritajiet biex il-liċenzi tan-negozju tal-ħanut jerġgħu jinħarġu;

**Tilqa' d-disa' eċċezzjoni tal-imħarrkin, u t-tielet eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża Reuben Azzopardi u Anthony Scicluna** bħala mistħoqqa;

**Tiċħad ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi** billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u għaliex ma saret l-ebda prova ta' danni mġarrba; u

**Tordna** li, bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kull parti tħallas l-**ispejjeż tagħha**, b'dan illi l-ispejjeż tal-imsejjaħ fil-kawża Falzon jitħallsu mill-imħarrkin.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**26 ta' Marzu, 2024**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**